MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Numru 600/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**DEREK CARMEL MERCIECA**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Derek Carmel Mercieca ta’ 25 sena, bin Anthony u Maria Concetta nee’ Falzon, imwieled Pieta’ fil-11/12/1979 u li joqghod Nru 5, ‘Ave Maria’, Triq il-Witja, Tarxien (ID Nru. 62780M)

Billi gie akkuzat talli fis-13 ta’ Marzu 2005 ghall-habta tas-05:45am f’Ghar Dalam Rd, B’Buga, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involonarjament ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-

persuni ta’ John Attard u Simon Attard min-Naxxar skond kif iccertifika Dr Adrian Spiteri MD mill-Isptar San Luqa;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin saq il-vettura ta’ l-ghamla Hyundai Getz bin-nru. ta’ reg. IBH 314 b’manjiera perikoluza u traskurata u bi speed eccessiv.

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba li tissospendi jew tirrevoka l-licenzja tas-sewqan ta’ l-imputat ghall-perjodu ta’ zmien li jidhrilha xierqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JF3 u nnutat li l-imputat Derek Carmel Mercieca m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17 u 226 tal-Kap. 9, ir-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128/1994 u l-art. 15(1)(a)(2), (3) u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Derek Carmel Mercieca, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat tillibera lill-istess imputat Derek Carmel Mercieca taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat

Derek Carmel Mercieca ghall-piena ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro 233) multa.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Derek Carmel Mercieca milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien hames (5) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Derek Carmel Mercieca l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------